

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-16 ta' Ottubru 2013 — TFI vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-275/11) ⁽¹⁾

(“*Għajjnuna mill-Istat — Servizz pubbliku tax-xandir — Għajjnuna prevista mill-awtoritajiet Franċiżi favur France Télévisions — Sussidju baġitarju annwali — Deċiżjoni li tiddikjara l-għajjnuna inkompatibbli mas-suq intern — Artikolu 106(2) TFUE — Rabta vinkolanti bejn taxxa u minżura ta' għajjnuna*”)

(2013/C 352/23)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Télévision française 1 (TF1) (Boulogne-Billancourt, Franza) (rappreżentanti: inizjalment J. P. Hordies u C. Smits, sussegwentement J. P. Hordiez u J. Vogel, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: B. Stromsky u D. Grespan, aġenti)

Parti konvenuta: Ir-Renju ta' Spanja (rappreżentanti: inizjalment M. Muñoz Pérez, sussegwentement S. Centeno Huerta, sussegwentement N. Díaz Abad, Abogados del Estado); ir-Repubblika Franċiża (rappreżentanti: inizjalment G. de Bergues u J. Gstalter, sussegwentement D. Colas u J. Rossi, aġenti); u France Télévisions (Pariġi, Franza) (rappreżentanti: J. P. Gunther u A. Giraud, avukati)

Suġġett

Talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/140/UE, tal-20 ta' Lulju 2010, dwar l-għajjnuna mill-Istat C-27/09 (ex N 34/B/09) sussidju baġitarju għal France Télévisions li r-Repubblika Franċiża tippredvi li timplemanta favur France Télévisions (ĠU 2011, L 59, p. 44).

Dispożittiv

- (1) Ir-rikors huwa miċħud.
- (2) Télévision française 1 (TF1) hija kkundannata għall-ispejjeż tagħha kif ukoll għal dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea u France Télévisions.
- (3) Ir-Renju ta' Spanja u r-Repubblika Franċiża għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.

⁽¹⁾ ĠU C 232, 6.8.2011.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-15 ta' Ottubru 2013 — European Dynamics Belgium et vs EMA

(Kawża T-638/11) ⁽¹⁾

(“*Kuntratti pubbliċi għal servizzi — Proċedura ta' sejħa għal offerti tal-EMA — Provvista ta' servizzi ta' għajjnuna għal applikazzjonijiet informatiċi — Ċaħda tal-offerta ta' offerent — Kriterji ta' attribuzzjoni — Obbligu ta' motivazzjoni — Osservanza tal-kriterji ta' attribuzzjoni stabbiliti fl-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt — Stabbiliment ta' sottokriterji għall-kriterji ta' attribuzzjoni — Aċċess għal dokumenti*”)

(2013/C 352/24)

Lingwa tal-kawża: il-Grieg

Partijiet

Rikorrenti: European Dynamics Belgium SA (Brussell, il-Belġju); European Dynamics Luxembourg SA (Ettelbrück, il-Lussemburgu); Evropaiki Dynamiki — Proigmena Systemata Tilepikoinonion Pliroforikis kai Tilematikis AE (Ateni, il-Greċja); u European Dynamics UK Ltd (Londra, ir-Renju Unit) (rappreżentant: V. Christianos, avukat)

Konvenuta: L-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMA) (Londra, ir-Renju Unit) (rappreżentanti: inizjalment V. Salvatore, sussegwentement T. Jabłoński u C. Maignen, aġenti, assistiti minn H.-G. Kamann u E. Arsenidou, avukati)

Suġġett

Minn naħa, annullament tad-Deċiżjoni EMA/787935/2011 tal-EMA, tat-3 ta' Ottubru 2011, li permezz tagħha l-offerta magħmula mir-rikorrenti fil-kuntest tal-proċedura ta' sejħa għal offerti miftuħa EMA/2011/05/DV ġiet miċħuda, u, min-naħa l-oħra, annullament tad-Deċiżjoni EMA/882467/2011 tad-Direttur Eżekuttiv par interim tal-EMA, tad-9 ta' Novembru 2011, li permezz tagħha t-talba konfermatorja tar-rikorrenti sabiex ikollhom aċċess għad-dokumenti tal-proċedura ta' sejħa għal offerti relatati mal-kompożizzjoni tal-kumitat ta' evalwazzjoni ġiet miċħuda.

Dispożittiv

- (1) Id-Deċiżjoni EMA/787935/2011 tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMA), tat-3 ta' Ottubru 2011, li permezz tagħha l-offerta magħmula minn European Dynamics Belgium SA, European Dynamics Luxembourg SA, Evropaiki Dynamiki — Proigmena Systemata Tilepikoinonion Pliroforikis kai Tilematikis AE u European Dynamics UK Ltd fil-kuntest tal-proċedura ta' sejħa għal offerti miftuħa EMA/2011/05/DV ġiet miċħuda, hija annullata.
- (2) Ma hemmx iktar lok li tingħata deċiżjoni fuq it-talbiet intiżi għall-annullament tad-Deċiżjoni EMA/882467/2011 tad-Direttur Eżekuttiv par interim tal-EMA, tad-9 ta' Novembru 2011, li permezz tagħha t-talba konfermatorja tar-rikorrenti sabiex ikollhom aċċess għad-dokumenti tal-proċedura ta' sejħa għal offerti relatati mal-kompożizzjoni tal-kumitat ta' evalwazzjoni ġiet miċħuda.

(3) L-EMA hija kkundannata għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 49, 18.2.2012.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-16 ta' Ottubru 2013 — El Corte Inglés vs UASI — Sohawon (fRee YOUR STYLE.)

(Kawża T-282/12) (¹)

(“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta’ oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja figurattiva fRee YOUR STYLE. — Trade marks Komunitarja u nazzjonali verbali preċedenti FREE STYLE — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta’ konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”)

(2013/C 352/25)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Partijiet

Rikorrenti: El Corte Inglés, SA (Madrid, Spanja) (rappreżentanti: E. Seijo Veiguela, J. L. Rivas Zurdo u I. Munilla Muñoz, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: V. Melgar, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI: Nadia Mariam Sohawon (Londra, ir-Renju Unit)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI, tas-17 ta' April 2012 (Każ R 1825/2010-4), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn El Corte Inglés, SA u N. Mariam Sohawon.

Dispożittiv

(1) Ir-rikors huwa miċħud.

(2) El Corte Inglés, SA hija kkundannata għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 258, 25.8.2012

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-16 ta' Ottubru 2013 — Mundipharma vs UASI — AFT Pharmaceuticals (Maxigesic)

(Kawża T-328/12) (¹)

(“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta’ oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali Maxigesic — Trade mark Komunitarja verbali preċedenti OXYGESIC — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”)

(2013/C 352/26)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Mundipharma GmbH (Limburg an der Lahn, il-Ġermanja) (rappreżentant: F. Nielsen, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: D. Walicka, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: AFT Pharmaceuticals Ltd (Takapuna, New Zealand) (rappreżentanti: M. Nentwig, L. Kouker u G. M. Becker, avukati)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI, tat-23 ta' Mejju 2012 (Każ R 1788/2010-4), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Mundipharma GmbH u AFT Pharmaceuticals Ltd.

Dispożittiv

(1) Ir-rikors huwa miċħud.

(2) Mundipharma GmbH hija kkundannata għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 287, 22.9.2012.